TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 212/16/F

**Antoine Francis Sant**

**vs**

**Power Plus**

Illum 24 t'Ottubru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Novembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti depożitu għal pannelli solari.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, pero' attendiet għall-ewwel seduta, u għas-seduta segwenti m'attendietx.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien mar it-Trade Fair biex iġib quotation għall-pannelli solari, u d-ditta ntimata kienu talbuh ħames mitt ewro (€500) depożitu, u meta applikawlu mal-MRA irrifjutawlu l-applikazzjoni tiegħu għax il-post kien għadu mhux qed jgħixu nies ġo fih.

It-Tribunal, wara li sema' l-każ, jinnota li r-rikorrenti qed jgħid il-verita' meta qal illi ġiegħluh jagħmel depożitu u meta applikawlu l-MRA irrifjutaw l-applikazzjoni, pero' f'dan l-istadju għandu dritt jieħu d-depożitu lura.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħames mitt ewro (€500), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888